DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-16 ta' Ottubru 2013

li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2013/507/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE [1], l-għadd ta' avukati ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ttella' għal disgħa, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

(2) Il-kandidatura tas-Sur Maciej SZPUNAR ġiet proposta bil-ħsieb ta' ħatra fil-kariga ta' avukat ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità s-Sur Maciej SZPUNAR għall-qadi tad-dmirijiet ta' avukat ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Bil-ħsieb tat-tiġdid parzjali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali li ser iseħħ fis-7 ta' Ottubru 2018, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 253 tat-Ttrattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-Sur Maciej SZPUNAR huwa maħtur għall-perjodu sas-6 ta' Ottubru 2018,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Maciej SZPUNAR huwa b'dan maħtur Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-16 ta' Ottubru 2013 sas-6 ta' Ottubru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2013.

Il-President

R. KAROBLIS

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE tal-25 ta' Ġunju 2013 li żżid l-għadd ta' avukati ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 92).